


Matul din is-sena qed niċċelebraw anniversarju sinifikattiv għalina l-Għawdxin: dak tal-400 sena minn meta nġab il-kwadru għażiż tal-Madonna Ta' Pinu fostna, fl-1619, xogħol tal-pittur Bartolomeo Amadeo Perugino, li skont teorija riċenti ta' natura storika, kien Malti, iben Francesco Perugino mill-Belt Valletta. Għal din ir-raġuni, fid-Djoċesi tagħna ġiet imnedija Sena Marjana, sabiex it-tifkira ta' dan l-avveniment tgħinna nġeddu mill-ġdid il-qima tagħna lejn Ommna Marija Ta' Pinu. Fl-okkażjoni ta' din is-sena ta' grazzja, il-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu żar il-Parroċċi kollha t'Għawdex li fi ħdanhom ġiet organizzata Ġimgħa Marjana ta' katekeżi u ċelebrazzjonijiet liturġiċi b'element qawwi Marjan. F'din il-katekeżi ser naraw fuq fuq min kienet Marija, b'referenza għall-ġrajja Ta' Pinu.

## 1. L-identità storika ta' Marija

Qabelxejn, tajjeb li nkunu nafu ċerta imformazzjoni storika dwar Marija. Kull meta mmorru f'xi uffiċċju pubbliku, ġeneralment jitolbuna l-karta tal-identità. Biex insiru nafu aktar lil Marija b'mod li jkun sempliċi, ser nagħmlu lilha wkoll karta tal-identità!:

- **Isem:** *Maria/Marjam (Grieg); Miryam (Ebrajk).* Hemm bosta possibiltajiet x'jista' jfisser dan l-isem, fosthom: meraviljuża, maħbuba, sublimi.
- **Data tat-twelid:** *21 tax-xahar ebrajk ta' Elul (li jikkorrispondi għat-8 ta' Settembru tagħna), tas-sena 20-22 Q.K.* Id-data tat-8 ta' Settembru hija d-data tradizzjonali, abbażi ta' x'jgħidu uħud mill-kotba apokrifi. Wara din id-data hemm żewġ sinfikati importanti:

1. It-8 ta' Settembru taħbat id-data tad-dedikazzjoni tal-knisja tal-Ħames seklu ddedikata lit-Twelid ta' Marija f'Ġerusalemm, fuq il-post fejn it-tradizzjoni tindika li kien hemm id-dar ta' S. Anna u S. Ġwakkin, il-ġenituri ta' Marija; 2. Il-bidu ta' Settembru jimmarka l-bidu ta' sena liturġika ġdida fil-Knisja Biżantina. Allura l-festa tat-Twelid ta' Marija fil-bidu ta' sena liturġika ġdida turina lil Marija bħala l-bidu imminenti tas-salvazzjoni tagħna għax kien minnha li twieled il-Feddej. Rigward is-sena li fiha twieldet Marija, dan ma jfissirx li għandna nikkonkludu li Marija kellha bejn 20-22 sena meta twieled Ġesù. Sfortunatament l-inventur tas-sistema tal-Anno Domini li tmexxi l-kalendarju, patri Dijonisju "ż-żgħir" († 544 W.K.), ħa żball fil-kalkoli u biex inkunu aktar preċiżi rridu ngħidu li Kristu twieled ħabta tas-sena 6 Q.K.! Dan ifisser li Marija kellha bejn 14-16 sena meta twieled Ġesù.

- **Post tat-twelid:** *Ġerusalemm/Nazaret.* It-tradizzjoni li twieldet Ġerusalemm hija aktar popolari.
- **Isem tal-Missier:** *Ġwakkin*
- **Isem tal-Omm:** *Anna*
- **Stat ċivili:** *Għarusa/Mara ta' Ġużeppi*
- **Residenza:** *Nazaret tal-Galilija*
- **Professjoni:** *Mara tad-dar*
- **Nazzjonalità:** *Lhudija*

## 2. L-identità teoloġika ta' Marija

Ħa ngħaddu issa biex nagħmlu *ID card* ta' Marija aktar teoloġika u dan iwassalna biex nelenkaw bosta titli li jiddeskrivuha. Ħa nillimitaw ruħna għal dawk li għandhom x'jaqsmu mad-dommi marjani (maternità divina u verġinali, Immakulata u Assunta) u żewġ titli oħra fost il-ħafna li għandha l-Madonna, dawk ta' Omm il-Knisja u Qaddejja tal-Mulej.

### i. Omm Alla

Żgur li l-akbar titlu li jiddeskrivi lil Marija huwa dak ta' Omm Alla. Marija hija Immakulata, Verġni u Assunta għax hija Omm Alla. Bil-grieg dan it-titlu huwa *Theotokos* (dik li "welldet lil Alla"), definit uffiċċjalment fil-Konċilju ta' Efesu fis-sena 431 W.K. Dan ma jfissirx li Marija tat bidu għall-esistenza t'Alla, għax Alla kien minn dejjem, imma kienet dik li għamlitha possibbli li Alla jsir bniedem. Ġaladarba Marija hija Omm Ġesù li huwa Alla, allura nistgħu ngħidu li Marija hija Omm Alla.

Fl-Iskrittura ma niltaqgħux mat-titlu "Omm Alla", imma huwa ċar mill-istess Skrittura li Ġesù huwa l-Iben t'Alla u tal-Verġni Marija. Marija hija msejħa "Omm Ġesù", "Ommu", "Omm il-Mulej". It-titlu "Omm Alla" huwa attribwit lil Marija fis-seklu III u fis-seklu IV nfirex ħafna. Nistgħu nsemmu bħala eżempju t-talba *Sub tuum praesidum* (Taħt il-ħarsien tiegħek), li nstabet

fuq papir eġizzjan tat-Tielet seklu, waħda mill-eqdem (jekk mhux l-eqdem) testi li jirreferu għal Marija bħala Omm Alla:

“Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu,
Omm qaddisa ta’ Alla:
la twarrabx minn quddiemek
it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna,
u eħlisna dejjem minn kull tiġrib,
o Verġni glorjuża u mbierka.”

**ii. Verġni**

Fl-istess ħin Marija hija wkoll Verġni. Kien meħtieġ dan is-sinjal tal-verġinità biex juri li dak li kellu jitwieled minn Marija ma kienx bniedem kwalunkwe imma kien Alla, li ma jistax ikun magħmul mill-bniedem, frott ta’ pjanijiet u relazzjonijiet umani. Kif jgħidilna Proklu ta’ Kostantinopoli († 446), “L-istess Iben ma jistax jitwieled minn żewġ missirijiet.” U Sant’ Wistin († 430): “Jekk Alla kellu jitwieled ma setax jitwieled jekk mhux minn Verġni u jekk Verġni kellha twelled ma setgħet twelled lil ħadd ħlief lil Alla.” Marija għexet din il-verġinità ħajjitha kollha għax iddedikat lilha nfisha totalment lil Alla li għamel minnha s-santwarju għażiż tiegħu. Minkejja li bi sfumaturi differenti, anke fil-Koran u fit-tradizzjoni musulmana hija affermata l-maternità verġinali ta’ Marija. Sfortunatament din id-duttrina f’dawn l-aħħar mitejn sena sofriet minn attakk sistematiku biex tiġi relegata għal sempliċi mit. Iżda dak li ma Marija għamel “ħwejjeġ kbar” nemmnu li seta’ wkoll jippermetti din il-ħaġa. U filwaqt li t-titlu “Omm Alla” huwa l-akbar titlu marjan, it-titlu ta’ “Verġni” huwa l-aktar wieħed użat u l-aktar wieħed komuni biex jiddeskrivi lil Marija.

**iii. Immakulata Kunċizzjoni**

Dan it-titlu jirreferi għall-ewwel mument tal-eżistenza ta’ Marija meta ġiet imnissla bla dnub. Hekk kien jixraq li tkun kollha qdusija dik li kellha tkun Omm Alla. Kif jgħidilna t-teologu Duns Scotus († 1308) il-Madonna xorta ġiet mifdija minn Kristu, bid-differenza li hija ġiet mifdija minn qabel *in vista* tal-merti li ġabilna Kristu bil-mewt tiegħu.

Fil-Bibbja ma nsibux it-terminu “Immakulata Kunċizzjoni” imma nistgħu nsemmu diversi tixbihat li nistgħu napplikawhom għal Marija Immakulata. Hekk per eżempju l-espressjoni li biha l-Anġlu Gabrijiel indirizza lil Marija bħala l-*mimlija bil-grazzja* (Lq 1, 28) u l-esklamazzjoni ta’ Eliżabbetta: *imbierka inti fost in-nisa* (Lq 1, 42). Marija Immakulata hija xbieha ta’ kif il-Knisja għandha tkun, *din il-Knisja, sabiħa, bla tebgħa, bla tikmix, bla għajb, u b'xejn minn dan, imma*

*qaddisa u bla tmaqdir minn ħadd* (Ef 5, 27). L-Immakulata tidħol għalina billi tgħinna nikkumbattu kontra d-dnub u tistedinna sabiex nagħmlu l-għażla t-tajba favur ħajja msejsa fuq il-valuri.

Dan kollu li qed ngħidu ma jfissirx li Marija tilfet l-umanità tagħha, anzi. Hija baqgħet tħoss bħala bniedma, għamlet l-esperjenza tal-limiti li jkollna aħna l-bnedmin u kienet ikkundizzjonata mill-kultura ta' żmienha. Hija wkoll għamlet mixja ta' fidi u ma ninsewx li l-Immakulata hija wkoll id-Duluri għax batiet. Internament ma kelliex il-ġibda għad-dnub imma esternament ġarrbet il-konsegwenzi tiegħu.

### iv. Assunta

Fi tmiem ta' ħajjitha, il-Madonna bħalna għaddiet mill-esperjenza tal-mewt imma l-ġisem tagħha ma rax it-taħsir tal-qabar għax ġiet imtella' s-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Hekk kien jixraq ladarba kienet Omm Alla. Kien jixraq ukoll li dik li akkumpanjat lil Ġesù tul ħajjitha kollha taqsam miegħu l-istess destin ta' glorja. Il-Bibbja ma tgħidilniex x'ġara minn Marija fl-aħħar tal-eżistenza tagħna imma tagħtina l-fundament propju meta tippreżentalna lil Marija dejjem magħquda ħaġa waħda ma Binha Ġesù. L-assunzjoni hija wkoll riżultat ta' dak li tħabbar Marija stess fil-Magnificat meta għal Alla tgħid li *għolla liċ-ċkejknin* (Lq 1, 52). Għaldaqstant l-assunzjoni nistgħu nsejħulha l-inkurunament tal-eżistenza esemplari u evanġelika ta' Marija.

Meta l-Papa Piju XII ipproklama d-domma tal-Assunta fl-1950, huwa ried joffri lill-bniedem ifflaġellat bil-gwerra, sinjal ta' tama u konsolazzjoni fil-persuna ta' Marija Assunta. Id-domma taċċenna wkoll għad-dinjità tal-ġisem tal-bniedem imsejjaħ għal destin ta' glorja. Finalment Marija Assunta hija sinjal għal Knisja ta' kif se tkun fil-glorja. Dak li hi Marija llum, igglorifikata, hekk ukoll għad tkun il-Knisja.

### v. Omm il-Knisja

Marija hija wkoll Omm il-Knisja, mhux fis-sens li tat bidu lill-Knisja jew li hi akbar mill-Knisja, għax hija wkoll tagħmel parti mill-Knisja, imma għax fi ħdan il-Knisja hija tiddi bħala mudell u eżempju ta' kif għandna ngħixu, ta' kif għandna nkunu Knisja. San Luqa fl-Atti tal-Appostli jagħtina ħjiel ta' kemm Marija kienet punt ta' riferiment għall-Knisja tal-bidu meta qabel il-miġja tal-Ispirtu s-Santu jsemmi lil Marija b'isimha fejn jgħid li l-appostli *lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija, omm Ġesù, u ma' ħutu* (Atti 1, 14). Huwa għalhekk li l-maternità ta' Marija fil-konfront tal-Knisja għandna nifmuha fl-ordni tal-esemplarità u għaldaqstant jagħmel ħafna sens li nsejħu lil Marija bħala Omm fi ħdan il-Knisja. Finalment, il-Knisja fil-qadi tal-missjoni tagħha għandha tħares lejn Marija, għax Marija hija l-Knisja kif tixtieq li tkun, il-Knisja kif għandha tkun, i.e. il-Qaddejja tal-Mulej!

### vi. Qaddejja tal-Mulej

Huwa titlu bibbliku li tapplikah Marija stess għaliha nfisha waqt it-tħabbira tal-Anġlu: *Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek* (Lq 1, 38). Il-ħajja kollha ta' Marija kienet għall-qadi ta' Binha Ġesù u kull fejn niltaqgħu magħha fl-Iskrittura nsibuha f'dan l-atteġġjament. Qatt ma kienet tqis lilha nfisha fiċ-ċentru tal-attenzjoni għax kienet temmen li Alla għandu jkollu l-prijorità. Hekk f'Kana tistieden lin-nies biex jagħmlu dak li jgħidilhom Binha u fil-Magnificat tistqarr li kien Alla li għamel magħha ħwejjeġ kbar u mhux li akkwistathom hi. Dan jgħinna ninkwadraw it-titli l-kbar ta' Marija (Omm Alla, Verġni, Immakulata u Assunta) fil-kuntest tal-istorja kollha tas-salvazzjoni mmexxija minn Alla u mhux narawhom biss bħala privileġġi jew eċċezzjonijiet maqtugħin għalihom. Għalhekk biex nifhmu lil Marija u l-missjoni tagħha importanti nerġgħu lura għax-xbieha tagħha li tagħtina l-Iskrittura: Marija hija l-Qaddejja tal-Mulej!

## 3. Il-Madonna Ta' Pinu

Ejjew issa nitfgħu l-ħarsa tagħna fuq ix-xbieha ta' Marija Assunta Ta' Pinu fil-kwadru għażiż tagħha li nistgħu nqisuh bħala sinteżi tal-identità ta' Marija. Meta tħares fiss lejh, bla ma trid iqanqal fik devozzjoni speċjali lejn din l-Omm tagħna tas-sema li tiddomina x-xena. Il-ħarsa tagħha hija lejn is-sema u jdejha huma magħquda fit-talb. Narawha tiġi meħuda lejn is-sema fuq ir-ras ta' tlett kerubini. Erba' anġli (tnejn kull naħa) jappoġġjawha b'idejhom filwaqt li jħarsu b'attenzjoni lejn wiċċha. It-tnejn ta' fuq narawhom iqegħdu kuruna fuq rasha. In-naħa t'isfel tal-kwadru naraw il-qabar vojt u sitta mill-appostli. Il-preżenza tal-qamar taħt riġlejn Marija u l-istilel madwar rasha jfakkruna fil-mara tal-Apokalissi (Ap 12, 1), xbieha tal-Knisja imma wkoll ta' Marija, ġaladarba kif għedna, Marija hija xbieha tal-Knisja.

Id-dettalji tal-qabar vojt, tal-appostli u tal-anġli li nsibu fil-kwadru, narawhom ukoll f'rappreżentazzjonijiet artistiċi oħra tal-Assunzjoni ta' Marija. Li kieku m'hemmx dan id-dettall tal-qabar, faċilment ix-xbieha ta' Marija tista' tiġi meqjusa bħala dik tal-Immakulata Kunċizzjoni. Dan il-fatt joħroġ għad-dawl ir-rabta diretta li hemm bejn il-bidu tal-ħajja ta' Marija (L-Immakulat Konċepiment) u d-destin finali tagħha (L-assunzjoni tagħha fis-sema), żewġ ġrajjiet li huma riflessi fuq il-ħajja tal-Knisja, imsejħa biex tkun qaddisa. Fl-istess ħin, kif rajna, dawn iż-żewġ dommi marjani jsibu r-raġuni ewlenija tagħhom fid-domma tal-maternità divina ta' Marija. Marija hija Immakulata u hija Assunta għax hija Omm Alla. Ix-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu għalhekk hija wkoll Omm Alla u Ommna lkoll, dik l-Omm li matul is-snin daħlet u għadha

tidħol għal uliedha meta dawn jirrikorru lejha bil-fidi sabiex tgħinhom fil-bżonnijiet tagħhom. Imma, nistaqsu, x'kien li wassal għal din l-għożża speċjali lejn Ommna Ta' Pinu?



Il-kappella tal-Madonna Ta' Pinu qabel ma nbena s-santwarju l-ġdid

Kien it-22 ta' Ġunju 1883. Ta' Pinu kien għadu kappella ċkejkna, fi stat ta' abbandun. Din il-kappella msejħa "Tal-Ġentili" kienet ġiet mibnija mill-ġdid fis-sena 1545 fuq biċċa art li wara għaddiet għand Pinu Gauci, bniedem devot li minnu ġej l-isem "Ta' Pinu". F'dik l-għodwa, xebba mill-Għarb bl-isem ta' Karmni Grima (1838-1922), ta' 45 sena, kienet sejra lura d-dar mill-għelieqi tagħha fl-inħawi tal-Ġurdan. Jingħad li kien ħabta tal-għaxra ta' filgħodu, meta waslet quddiem it-trejqa li tieħu għall-kappella, fejn jingħad li għal darbtejn jew tlieta semgħet leħen jgħidilha: «Ejja, ejja». Karmni nkwetat xi ftit billi f'dawk l-inħawi ma kien hemm ħadd dak il-ħin. Wara ftit tal-ħin ma tafx x'ser taqbad tagħmel, ħasbet li tkompli miexja lejn id-dar. Imma għal darb'oħra jingħad li semgħet l-istess leħen jgħidilha: «Ejja, għaliex qabel sena ma tkunx tista' tiġi». Dak il-ħin bdiet miexja lejn il-kappella, bil-mod il-mod u b'qalbha ttaqtaq, għax ħasbet li ser issib lil Madonna preżenti realment, u mhux sempliċiment ix-xbieha tagħha mpittra. Imma meta waslet quddiem il-bieb tal-kappella, u mill-grada rat li ma kien hemm ħadd u li l-kwadru kien kollox bħas-soltu, għamlet il-qalb, daħlet u bdiet titlob. Dak il-ħin ħasset ferħ mhux tas-soltu. Hekk kif temmet it-talb, ma kenitx taf x'ser tgħid iżjed. Kienet tant żgura mill-preżenza tal-Madonna, li stenniet aktar tagħrif mingħandha. Proprju f'dan il-waqt, jingħad li reġgħet semgħet l-istess leħen ġej mill-kwadru li qalilha: «Għid tliet Ave b'tifkira tat-tlitt ijiem li ġismi dam fil-qabar qabel l-assunzjoni tiegħi». Hija għamlet dan b'qima kbira u baqgħet hemm sakemm ma semgħetx iżjed dak il-leħen, imbgħad ħarġet mill-kappella u kompliet il-mixja lejn

darha. Wara din il-ġrajja, għal sena sħiħa ma marritx lejn is-santwarju, probabilment għax saħħitha ma ppermettitx.

Dan kollu Karmni żammitu mistur, sakemm sentejn wara tarrfet kollox lil Franġisk Portelli (1850-1926), bniedem devot u ta' ftit kliem. Importanti ngħidu li dan ma kienx Frenċ tal-Għarb, li kunjomu kien Mercieca. Dakinhar ma semmielha xejn imma meta f'okkażjoni oħra Karmni saqsietu jekk qattx sema' xi ħaġa mhux tas-soltu fil-kappella, wieġeb li għal xi sitt darbiet sema' leħen il-Madonna li talbitu jgħid 3 Pater, Ave u Glorja f'ġieħ il-pjaga qaddisa tal-ispalla ta' Ġesù, magħmula mill-piż tas-salib waqt li kien qed iġorru lejn il-Kalvarju, u biex ixerred kemm jista' din id-devozzjoni, liema messaġġ is-santwarju Ta' Pinu żammu ħaj permezz tal-Via Sagra fuq l-għolja t'Għammar.





Karmni Grima u Franġisk Portelli

Il-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu huwa l-mezz li bih seħħet din il-ġrajja li kellha tħalli marka fuq l-identità spiritwali tal-poplu Malti u Għawdxi. Minn dan il-kwadru l-Madonna tkellmet. Qed issir enfasi fuq din il-kelma għax imkien ma huwa msemmi li l-Madonna dehret f'Ta' Pinu. Karmni Grima u Franġisk Portelli, iż-żewġ messaġġiera tal-Madonna Ta' Pinu, ma jingħadx li raw lil Madonna imma li kellmithom. Il-kelma teknika li tintuża biex tfisser dan il-fenomenu hija "lokuzzjoni".

Hemm bosta raġunijiet li juru li dak li ġara f'Ta' Pinu lil Karmni u lil Franġisk ma kienx xi illużjoni jew fantasija tal-moħħ. Il-fatt li x-xhieda huma tnejn, il-fatt li kienu magħrufa bħala nies serji, umli, onesti u ta' devozzjoni kbira, il-fatt tal-pellegrinaġġi u tal-mirakli li nibtu wara dawn il-ġrajjiet u l-fatt li l-isqfijiet t'Għawdex tul iż-żmien dejjem ġabu l-quddiem id-devozzjoni lejn l-Madonna Ta' Pinu, kollox jindika li l-ġrajjiet li seħħew fil-kappella Ta' Pinu ma kenux frott ta' ingann.

K'ikollna nqallbu fl-istorja tal-ġrajjiet li fihom Ommna Marija daħlet fl-istorja tal-umanità permezz ta' dehriet u fenomeni oħra simili, insibu li dak li qalet il-Madonna Ta' Pinu lil Karmni Grima huwa verament oriġinali: F'Ta' Pinu l-Madonna taċċenna għad-difna tal-ġisem tagħha fil-qabar. Biex insibu referenza għal dan, irridu nfittxu fil kotba apokrifi (c. sekli I-V), preċiżament f'dawk imsejha *Transitus Mariae*. Hawnhekk insibu letterattura vasta dwar x'seta' ġara minn Marija fl-aħħar parti ta' ħajjitha. Ma nsibux qbil dwar kemm il-ġisem ta' Marija seta' dam fil-qabar, però uħud mill-apokrifi jindikaw li kienu tlitt ijiem. Evidentement dawn l-apokrifi jixtiequ jagħmlu enfasi fuq ir-rabta stretta li hemm bejn Ġesù u Ommu Marija, għax hija l-qaddejja tiegħu u l-kooperatriċi l-aktar mill-qrib tiegħu. Għalhekk bħalma l-ġisem ta' Ġesù dam 3 ijiem fil-qabar, hekk ukoll il-ġisem ta' Marija. Kienu bosta s-Santi Padri li ħadu mill-apokrifi dan id-dettall fl-omeliji tagħhom, fosthom San Ġwann Damaxxenu.

Dak kollu x'sens għandu għall-ħajja tagħna ta' llum. Niġbru kollox f'żewġ punti:

i. **Il-mewt ta' Marija u l-mewt tagħna:** id-dettall tal-qabar fil-kwadru u l-messaġġ tal-Madonna lil Karmni Grima jindikawlna li l-Madonna mietet. Għal xi żmien kien hemm dibattitu jaħraq dwar dan. Kien hemm difatti min wasal biex qal li l-Madonna ma mititx, għax hija xbieha tal-Knisja li ma tistax tmut. Imma ġaladarba Ġesù nnifsu għadda mill-mewt, ma narawx għalfejn il-Madonna ma kellhiex tmut, l-aktar meta niftakru li hija dejjem ġiet preżentata f'rabta stretta ma binha Ġesù.

   Dan bla dubju jfakkarna wkoll fil-mewt tagħna. Aħna wkoll xi darba rridu mmutu. Issa l-mewt ma sseħħx biss f'dak il-mument finali tal-aħħar ta' ħajjitna, imma ngħixuha waqt li għadna ħajjin, speċjalment meta jmut xi ħadd għażiż, meta nkunu taħt it-toqol tal-mard u t-tbatija, meta biex nagħżlu xi ħaġa rridu bil-fors ninqatgħu minn xi ħaġa oħra. Ommna Marija għaddiet hija wkoll mill-mewt u mit-tbatija li din iġġib magħha sabiex tkun ta' eżempju għalina u tkun solidali magħna f'dawn il-mumenti. Fit-3 Ave li talbitna nitolbu, aħna ntennu: "itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna".

ii. **Il-glorja ta' Marija u l-glorja tagħna:** il-messaġġ tal-Madonna Ta' Pinu ma jiqafx mal-mewt, għax aħna m'aħniex maħluqin biex nibqgħu mejta: aħna maħluqin għall-ħajja! Huwa għalhekk li fil-viżjoni nisranija l-mewt hija biss passaġġ. Bħalma l-Madonna għaddiet mill-mewt għall-ħajja, hekk ukoll ser jiġri minnha. Bħalma l-qabar ta' Marija huwa vojt, għax issa qegħda fil-glorja, hekk ukoll għad jiġri mill-qabar tagħna. Id-destin tagħna mhux il-qabar. Id-destin tagħna hija l-ħajja ta' dejjem!

**Konklużjoni: Ejja**

Ejja. Kien b'din il-kelma li Ommna Ta' Pinu sejħet lil Karmni Grima. Lingwistikament hija fl-imperattiv, i.e. hija kmand u għalhekk tindika urġenza biex issir xi ħaġa, biex tmur "ħdejn" il-persuna li qegħda ssejjaħ u toqgħod "flimkien" magħha. J'Alla f'din is-sena marjana nifhmu l-urġenza ta' din is-sejħa biex immorru ħdejn Marija u flimkien magħha niskopru l-imħabba li l-Mulej Ġesù għandu għalina, nilqgħuh bħala ċ-ċentru tal-ħajja tagħna u nħalluh jimliena bit-tama għall-ġejjieni.